MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-18 ta' Jannar, 2008

Numru. 429/2001

**Il-Pulizija**
**Spettur Paul Bond**

**Vs**

**Emanuel sive Manuel Xerri**

Il-Qorti:

Rat l-imputat Emanuel sive Manuel Scerri, iben Philip u Maria imwielda Falzon, imwieled il-Pieta`, fil-21 ta` Awissu, 1974 u residenti 7, Sabella Lane, B`Kara u detentur tal-karta ta` l-identita` numru 401874 (M) li gie imressaq quddiemha talli:-

Matul ix-xahar ta` Novembru, 2000, f`dawn il-gzejjer b`mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta` ismijiet foloz, jew ta` kwalifiki foloz, jew billi inqeda b`qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b`ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta` entraprizi foloz jew ta` hila, setgha fuq haddiehor, jew ta` krediti mmaginarji jew sabiex tqanqal tama jew biza` dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta` Lm 1,014.05 bi hsara ta` Gwido Vella minn Hal Qormi.

Barra minn dan akkuzat ukoll talli matul l-istess zmien ghamel l-imsemmi qliegh b`qerq ghad-dannu tal-istess Gwido Vella.

Semghat il-provi;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti nkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 23 ta’ Lulju 2001 (a folio 12) sabiex dan il-kaz jigi trattat u deciz bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tal-24 ta’ Jannar, 2002, (a folio 7 tal-process) l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni ta’ l-imputat ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif registrata fis-seduta tat-18 ta’ Jannar, 2008.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kapitlu 9 u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga’ lura minnha.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputat il-Qorti tiddikkjara li m’ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu.

Ghal finijiet ta’ piena il-Qorti kkunsidrat il-fedina penali kwazi netta tal-imputat u l-fatt li t-tieni akkuza hija assorbita fl-ewwel akkuza jidrilha li m’huwiex opportun fic-cirkostanzi li tigi mposta piena karcerarja effettiva.

Ghaldaqstant u wara li rat l-Artikolu  308 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta il-Qorti tiddikjara li qed issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessa u b’applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 tikkundannah (12) tnax-il xahar prigunerija sospiza ghal sentejn (2) millum.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull bon fini illi hija spjegat lil hati bi kliem car bir-responsabilita’ tieghu skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor illi ghalih hemm il-piena ta’ prigunerija matul il-perijodu operattiv ta’ din is-sentenza sospiza.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 28H tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta torbot lill-imputat sabiex sa zmien sitt (6) xhur millum ihallas lil Gwido Vella l-ekwivalenti f’Ewro tas-somma ta’ tmien mija u erbatax-il lira maltin u hames centezmi (Lm 814.05)

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hati bi kliem car bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jonqos milli jaghmel dan il-hlas fiz-zmien preskritt.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------